# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 494**

**Il-Ġimgħa 25 ta' Mejju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fit-3.35 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Viċi-Sindku
John J Pace – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**494.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

494.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi-Sindku fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku jkun skużat.

494.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

494.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Johnny Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace jkun skużat.

494.1.4 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Julian Paul Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Julian Paul Scicluna jkun skużat.

494.1.5 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**494.2 Aġġudikazzjoni ta' offerti dwar il-kuntratti :**

- **Offerti għall-provvista ta'** ***projectors*** **għal** ***projection mapping*** **(ZLC 3/2018)**

494.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm offerta waħda għall-provvista ta' *projectors* għal *projection mapping* (ZLC 3/2018) u ġiet evalwata mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-offerta mitfugħa li kienet mingħand il-kumpanija Nexos għall-prezz ta' €19,450 (eżkluż il-vat). Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-

proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerent involut permezz *tal-Electronic Public Procurement System.*

**494.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

494.3.1 Il-laqgħa spiċċat fis-3.40 ta' wara nofsinhar.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-495 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku